# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 2 ta' Gunju 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 126/2025JPG**
**Kawza nru.: 20**

**DD U SD**
**Vs**
**X**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 12 ta' Marzu 2025, a fol 1, li jaqra hekk:

1. ***Illi DD u SD izzewwgu fit-tlieta (3) ta' Jannar, elf, disa' mija u disgha disghin (1999) fil-Marriage Registry, numru 197, Triq il-Merkanti, Valletta, hemm kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness in kopja u mmarkat Dokument 'A',.***

2. ***Illi minn dan iż-zwieg, twieled tifel wiehed, MD, li twieled f'X liema iben ghalhekk ghandu X sena;***

3. ***Illi DD u SD kienu ikkontrattaw separazzjoni legali bejniethom permezz ta' Kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Eric Wadge datat l-erbgha (4) ta' Novembru tas-sena elfejn u hamsa (2005), kopja ta' liema hija hawn annessa u immarkata bhala Dok 'B';***

/

4. ***Illi DD u SD ilhom ma jghixux flimkien ghal iktar minn perjodu kontinwat ta' iktar minn (18)-il sena, u tul dawn is-snin ghexu hajjiet totalment separati u distinti minn xulxin;***

5. ***Illi DD u SD jiddikjaraw illi kwistjonijiet ta' manteniment bejniethom ma jezistux, la bejniethom, u lanqas dwar binhom;***

6. ***Illi ghaldaqstant huma soddisfatti ir-rekwiziti kollha stabbiliti mil-ligi biex jinghata d-divorzju;***

7. ***Illi DD u SD jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li z-zwieg taghhom ghandu jigi mahlul;***

8. ***Illi SD tixtieq illi tirreverti ghal kunjom xbubitha, jigifieri 'K ', flimkien mad-dikjarazzjoni tad-divorzju;***

***Għaldaqstant, l-esponenti DD u SD jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:***

1. ***Tawtorizza u tippronunzja d-divorzju bejn DD u SD u tiddikjara z-zwieg taghhom mahlul ai termini tal-Artikoli 66A et sequitur tal-Kodici Civili;***

2. ***Tordna konsegwentement illi SD tirritorna ghal kunjom xbubitha 'K ', kif ukoll;***

3. ***Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex l-istess divorzju jigi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, flimkien mar-reverzjoni tal-kunjom sabiex isem u kunjom l-interessata rikorrenti jaqra minn issa 'l quddiem biss 'SK'.***

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi SD talbet lil din il-Qorti sabiex tirriverti ghall-kunjom xbubitha 'K ';

Rat in-nota kongunta tal-partijiet tad-29 ta' Mejju 2025 li permezz taghha taw ruhhom

b'notifikat bl-avviz tas-smiegh;

**Ikkonsidrat:**

**DD xehed** (vide affidavit fol 7) illi l-partijiet izzewgu nhar it-3 ta' Jannar 1999. Minn dan iz-zwieg twieled tifel, illum maggorenni. Xehed illi l-partijiet ilhom isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar l-4 ta' Novembru 2005 fl-atti tan-Nutar Dr Eric Wadge. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**SD xehdet** (vide affidavit fol 8) u kkonfermat u korroborat ix-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux***

***flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-***

***liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-3 ta' Jannar 1999 liema zwieg jgib certifikat numru 2/1999 (Vide certifikat taz-zwieg, DOK A fol 4). Jirrizulta li minn dan iz-zwieg twieled tifel, illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Eric Wadge nhar l-4 ta' Novembru 2005 (Vide fol 5 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Rat illi SD talbet lil din il-Qorti sabiex tirriverti ghall-kunjom xbubitha 'K ';

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2/1999 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Tilqa' t-talba tal-ko-attrici u tordna li hija tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe K u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**
**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**